**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 29 ta` Settembru 2016**

**Kawza Nru. 9**
**Rik. Gur. Nru. 1312/10 JZM**

**Francis Abela f`ismu proprju u bhala ezercitanti l-kummerc taht l-isem F. Abela & Sons [I.D. 153857M]**

***kontra***

**Kalaxlokk Company Limited [C-7950]**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-<u>20 ta` Dicembru 2010</u> li jaqra hekk :–

***Dikjarazzjoni tal-Fatti***

*1. Illi s-socjeta` intimata inkarigat lir-rikorrenti bhala sub-contractor sabiex jezegwixxi xogholijiet ta` demolizzjoni, kostruzzjoni kif ukoll xogholijiet strutturali u interni ohra inkluzi, inter alia, xogholijiet ta` landscaping u sandblasting, gewwa Tigne` u gewwa l-Furjana.*

*2. Illi s-socjeta` intimata hija debitrici tar-rikorrenti fis-somma ta` mija u tlieta u ghoxrin elf, seba` mija u tlieta u tletin Euro u sitta u sebghin centezmu (€123,733.76), ammont rapprezentanti bilanc dovut ghal xogholijiet ezegwiti u servizzi ohra rezi mir-rikorrenti fuq inkarigu tas-socjeta` intimata gewwa Tigne` u gewwa l-Furjana, kif fuq premess.*

*3. Illi s-socjeta` intimata baqghet ma hallsitx dan il-bilanc minkejja li x-xogholijiet gew debitament ezegwiti u konkluzi, u minkejja wkoll illi hija giet diversi drabi interpellata sabiex taffetwa l-hlas dovut, anke permezz ta` ittra legali datata 25 ta` Novembru 2010 li kopja taghha qed tigi hawn annessa, ezegwita u mmarkata bhala Dok. A.*

***Ir-Raguni tat-Talba***

*4. Illi dan l-ammont hu cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tar-rikorrenti, is-socjeta` intimata ma ghandha ebda eccezzjoni x`tissolleva kontra l-pagament tal-istess.*

*5. Illi, ghaldaqstant, ghal dawn il-proceduri huma appikabbli d-dispozizzjonijiet ghad-dispensa mis-smigh tal-kawza a tenur tal-Artikoli 167 et seq tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili.*

*6. Illi dawn il-fatti huma a diretta konoxxenza tar-rikorrenti.*

***It-Talbiet***

*Tghid ghalhekk is-socjeta` intimata ghaliex dina l-Qorti m`ghandhiex:*

*1. Tikkundannaha illi thallas lir-rikorrenti l-ammont ta` mija u tlieta u ghoxrin elf, seba` mija u tlieta u tletin Euro u sitta u sebghin centezmu (€123,733.76), ammont rapprezentanti bilanc dovut lir-rikorrenti ghal xoghlijiet minnu ezegwiti kif fuq premess, u dan bid-dispensa mis-smigh tal-kawza a tenur tal-Artikoli 167 et seq tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili.*

*Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra s-socjeta` intimata li tibqa` minn issa ngunta ghas-subizzjoni, inkluz spejjez tal-mandat ta` sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment.*

Rat il-lista tax-xhieda, u l-elenku ta` dokumenti li kienu esebiti mar-rikors guramentat.

Rat in-nota li pprezentat is-socjeta` konvenuta skont l-Art 170(1) tal-Kap 12 fil-25 ta` Jannar 2011.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tal-25 ta` Jannar 2011 fejn, wara li sabet illi s-socjeta` konvenuta *prima facie* kellha eccezzjonijiet x`taghti kontra t-talba attrici, akkordat lis-socjeta` konvenuta ghoxrin (20) gurnata zmien biex tipprezenta risposta guramentata.

Rat ir-risposta guramentata li kienet prezentata fl-14 ta` Frar 2011 u taqra hekk :–

***A. Eccezzjonijiet***

*1. Illi t-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti stante illi s-somma pretiza mir-rikorrenti, u cioe` s-somma ta` mija u tlieta u ghoxrin elf, seba` mija u tlieta u tletin Ewro u sitta u sebghin centezmu (€123,733.76) hija wahda eccessiva u zbaljata, u dana kif ser jirrizulta ahjar waqt is-smigh ta` din il-kawza.*

*2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma wkoll infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti stante illi hemm certi xoghlijiet li ma sarux skont is-sengha u l-arti u dana ghad-detriment tas-socjeta` esponenti li kellha inevitabilment tinkorri jew ser ikollha tinkorri spejjez addizzjonali sabiex tirrimedja dawn l-istess nuqqasijiet.*

*3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

***B. Dikjarazzjoni tal-Fatti***

*1. Illi l-fatti msemmija mir-rikorrenti fl-ewwel paragrafu tar-rikors guramentat tieghu m`humiex kontestati.*

*2. Illi dwar il-fatti msemmija mir-rikorrenti fit-tieni paragrafu u fit-tielet paragrafu tar-rikors guramentat tieghu, jinghad umilment illi s-somma ta` mija u tlieta u ghoxrin elf, seba` mija u tlieta u tletin Ewro u sitta u sebghin centezmu (€123,733.76) hija wahda eccessiva u zbaljata u dana kif ser jigi mfisser fil-paragrafi li gejjin -*

*2.1 Illi s-somma pretiza mir-rikorrenti hija eccessiva ghax il-kejl li abbazi tieghu r-rikorrenti qieghed jitlob dik is-somma ma jaqbilx mal-kejl finali tal-Projects Manager, Mark Debono, li jokkupa l-kariga ta` quantity surveyor mad-Dipartiment tax-Xoghlijiet u li gie maqbul bejn il-kontendenti specifikatament sabiex jiccertifika x-xoghlijiet in kwistjoni. Skont il-kejl tal-Projects Manager imsemmi, il-valur tax-xoghlijiet ezegwiti mir-rikorrenti fuq is-sit in kwistjoni kienu ta` mija u tlieta u hamsin elf, tliet mija u hmistax-il Ewro u tmienja u hamsin centezmu (€153,315.58), li minnhom is-socjeta` intimata diga` hallset akkont is-somma ta` mija u tlieta u tletin elf, hames mija u sebgha u sebghin Ewro u sitta u hamsin centezmu (€133,577.56), u ghalhekk is-socjeta` esponenti jonqosha thallas is-somma ta` dsatax-il elf, seba` mija u tlieta u tmenin Ewro u zewg centezmi (€19,738.02), salv dak li jinghad fil-prezenti risposta rigward certi xoghlijiet li ma sarux skont is-sengha u l-arti, u li dwarhom is-socjeta` intimata kellha u ser ikollha tinkorri spejjez sabiex tirrimedja ghal dawk l-istess xoghlijiet.*

*2.2 Illi b`referenza ghall-paragrafu 2.1 suespost, is-socjeta` intimata tissottometti umilment (a) illi relattivament ghal uhud mix-xoghlijiet in*

*kwistjoni, ir-rikorrenti applika rati differenti minn dawk miftiehma minnu mas-socjeta` intimata, fil-prezenza tal-imsemmi Projects Manager Mark Debono, u dana kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna (b) illi r-rikorrenti qieghed jippretendi hlas ghal certi xoghlijiet, ir-rikorrenti qieghed jippretendi hlas doppju, in kwantu il-prezz ta` dawk ix-xoghlijiet huwa nkluz f`zewg fatturi, u dana kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna u (c) illi relattivament ghal certi xogholijiet, ir-rikorrenti qieghed jippretendi hlas doppju, in kwantu l-prezz ta` dawk ix-xogholijiet huwa nkluz f`zewg fatturi, u dana kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna..*

*3. Illi inoltre, anke b`referenza ghall-fatti msemmija mir-rikorrenti fit-tieni paragrafu u fit-tielet paragrafu mir-rikors guramentart tieghu, is-socjeta` intimata tissottometti umilment illi certi xoghlijiet li ghalihom ir-rikorrenti qieghed ukoll jippretendi hlas, ma sarux skont is-sengha u l-arti u dana ghad-detriment tas-socjeta` intimata li kellha inevitabilment tinkorri jew ser ikollha tinkorri spejjez addizzjonali sabiex tirrimedja dawn l-istess nuqqasijiet, u ghalhekk ir-rikorrenti ma jistax jippretendi hlas relattivament ghal dawn ix-xoghlijiet.*

*4. Illi b`referenza ulterjuri ghall-fatti msemmija mir-rikorrenti fit-tielet paragrafu mir-rikors guramentat tieghu, jinghad umilment illi s-socjeta` intimata m`ghamlet l-ebda hlas tas-somma pretiza mir-rikorrenti, ghar-ragunijiet imsemmija hawn fuq.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tat-3 ta` Marzu 2011 fejn, minhabba l-fatt illi l-mertu tal-kawza huwa tekniku b`xejriet legali wkoll, ghaddiet biex tahtar lill-Perit Alan Saliba u lill-Av Richard Galea Debono bhala periti gudizzjarji, sabiex jirrelataw dwar it-talba attrici, wara li jiehdu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta, b`dan illi l-gbir tal-provi kellu jkun kondott mill-perit legali, kull perit kellu jirrelata dwar il-kompetenza tieghu, u li r-relazzjoni kellha tkun wahda li tinkorpora l-fehmiet taz-zewg periti.

Rat l-atti tas-seduti li saru mill-periti gudizzjarji, inkluz il-verbali, ix-xiehda li nstemghu, id-dokumenti li kienu esebiti, u n-noti ta` osservazzjonijiet li pprezentaw il-partijiet.

Rat ir-relazzjoni tal-periti gudizzjarji.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet li pprezentaw l-attur wara li l-periti gudizzjarji kkonfermaw ir-relazzjoni taghhom bil-gurament.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tal-10 ta` Mejju 2016 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum bil-fakolta` li s-socjeta` konvenuta tipprezenta nota ta` osservazzjonijiet.

Rat in-nota ta` osservazzjonijiet li pprezentat is-socjeta` konvenuta.

Rat l-att l-ohra tal-kawza.

## II. Provi

**Il-provi fil-kawza tal-lum, konsistenti mix-xiehda ta` persuni u minn dokumenti, ingabru mill-periti gudizzjarji. Hemm riferenza ghal dawn il-provi fir-relazzjoni peritali. A skans ta` ripetizzjoni, il-Qorti qeghda tirreferi ghal dak li kkostataw il-periti gudizzjarji minghajr riferenza ulterjuri.**

## III. Ir-relazzjoni tal-periti gudizzjarji

### 1) Kostatazzjonijiet

Il-periti gudizzjarji jaghmlu dawn il-kostatazzjonijiet billi jirreferu ghall-provi :-

*L-attur, fil-kapacita tieghu ta` "sub-contractor" ta` Kalaxlokk, esegwixxa xogholijiet fl-ufficcini tal-MIMCOL f`Tigne u fl-ufficcini tas-CDRT fil-Furjana li jikkomprendu tlett Blokki A, B u C. Dawn ix-xoghlijiet kienu jikkonsistu f`alterazzjonijiet fuq bini ezistenti, inkluz ukoll restawr permezz ta` "hydro jet blasting" u "landscaping works" kompriz tqeghid ta` cangatura. It-talba odjerna ammontanti ghal €123,733.76 tikkoncerna primarjament ix-*

*xogholijiet fis-CDRT billi €4,773.86 biss minn dan l-ammont jitratta x-xoghlijiet fil-MIMCOL.*

***4.02.*** *Ix-xogholijiet fis-CDRT kienu sorveljati u mmexxija mill-Perit Mario Bonello mid-Dipartiment tax-Xogholijiet u minn Raymond Caruana li kien qed jagixxi ghal Kalaxlokk li xehdu f` dawn il-proceduri. Tressqu wkoll bhala xhieda principali l-attur min-naha u c-Chairman ta` Kalaxlokk Edwin Mamo min-naha l-ohra u kif ukoll, fost ohrajn, ix-xhieda tal-Perit Randolph Bartoli li kejjel ix-xogholijie,t ghan-nom tal-attur, tal-Perit Joseph Grech (li ma kienx involut waqt l-ezekuzzjoni tax-xogholijiet) li hejja rapport dwar ix-xogholijiet esegwiti mill-attur ghan-nom ta` Kalaxlokk u tal-`Quantity Surveyors` ghan-naha tal-Gvern Joseph Grech u Mark Debono.*

***4.03.*** *Ix-xogholijiet fis-CDRT saru bejn Ottubru 2009 u Novembru 2010 u x-xoghlijiet fil-MIMCOL saru wara li l-attur lesta dawk fis-CDRT. Wara perjodu pjuttost armonjuz bejn l-attur u Edwin Mamo ghal Kalaxlokk - fejn l-attur kien qed jinghata bicca xoghol wara l-ohra anke fuq lantijiet ohra inkluz ukoll fir-residenza privata ta` Edwin Mamo - ghall-habta ta` Novembru 2010 (fiz-zmien li sar il-ftuh tas-CDRT) bdew il-problemi bejn il-partijiet fejn l-attur abbanduna x-xoghol tal-MIMCOL u waslu l-proceduri odjerni bil-partijiet jipprezentaw volumi ta` provi biex kull naha tipprova tiggustifika l-pretensjonijiet taghha.*

***4.04.*** *L-attur qed jibbaza t-talba tieghu fuq kont Dok. A (fol. 5) anness mar-Rikors Promotur li jikkomprendi principalment kont imhejji mill-Perit Randolph Bartoli u bills of quantities (BOQs) mghoddija minn Raymond Caruana lill-attur. It-talba tal-attur tikkomprendi sommarjament is-segwenti :*

| | | |
|---|---|---|
| ***MIMCOL*** | ***PREAMBLES*** | ***€ 1,400.00*** |
| | ***RETENTION MONEY*** | ***€ 3,373.86*** |
| ***CDRT*** | ***SKIP HIRE*** | ***€ 8,679.70*** |
| | ***TOTAL KONTIJIET*** | ***€ 175,559.81*** |
| | ***XOGHOLIJIET EXTRA*** | ***€ 60,102.49*** |
| | ***SANDING DOWN FACCATA BLOKK B*** | ***€ 497.68*** |
| | ***DRITT TAL-KEJL TAL-PERIT BARTOLI*** | ***€ 236.00*** |
| | ***TOTAL*** | ***€ 249,849.54*** |
| | ***AMMONT IMHALLAS*** | ***€ 126,115.78*** |
| | ***BILANC MITLUB*** | ***€ 123,733.76*** |

***4.05.*** *Fl-eccezzjonijiet taghha Kalaxlokk ilmentat mis-segwenti :*

1. *Rati differenti minn dawk miftiehma.*
2. *Hlas pretiz mill-attur ghal xoghlijiet li ma sarux.*
3. *Pretensjonijiet ta` hlas doppju mill-attur.*
4. *Xogholijiet mhux skont l-arti u s-sengha*

**2) <u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Il-**<u>konsiderazzjonijiet</u>** tal-periti gudizzjarji kienu dawn :-

**i) <u>MIMCOL</u>**

Dwar ix-xoghol ghal MIMCOL go Tigne` jghidu hekk :-

| | | |
|---|---|---|
| ***MIMCOL*** | ***`Preambles`*** | ***€ 1,400.00*** |
| | ***`Retention Money`*** | ***€ 3,373.86*** |

***5.01*** *Qabel inbeda x-xoghol kien sar ftehim bejn l-attur u Kalaxlokk. Dan il-ftehim kien jinkludi s-segwenti `preambles`:*

| | | |
|---|---|---|
| *1* | *A Health and Safety programme including a user friendly signage programme (both fixed on site and precaution indications), temporary hoardings and railings to openings and stairs.* | *€1,000* |
| *2* | *All the necessary risk assessment reports by a competent person as may be required by the person in charge from time to time.* | *€800* |
| *3* | *Erection of Scaffolding, Screening and other requirements related to Health, Safety and Minimum Distrubance requirements during the contract period and especially during the implementation of external works.* | *€1,000* |

*Jirrizulta li Kalaxlokk hallset lill-attur biss nofs l-ammont ghal dawn il-`preambles`, cioe` €1,400, billi l-attur ma prezentax `Health & Safety Program` u `Risk Assessment Report` u kif ukoll billi l-attur zarma l-`iscaffolding` f` Novembru 2010, qabel tlestew ix-xoghlijiet f` Marzu 2011. L-attur qed jippretendi r-rimanenti nofs ta` €1,400.00 minghand Kalaxlokk. Jidher li l-attur zarma dan l-`iscaffolding` wara li twaqqaf mix-xoghol fuq kwistjoni li nqalet dwar il-bieb ta` barra, fejn Edwin Mamo jghid li l-attur*

*irrifjuta li jaghmel dan il-bieb u wara kellu jsir minn kuntrattur iehor bi prezz hafna ghola, filwaqt li l-attur jghid li dan il-bieb ma kienx inkluz fl-`Items` skont il-ftehim Dok. `SA1` tax-xoghol li tawh Kalaxlokk. L-attur jissottometti wkoll li hu prezenta l-`card` tal-`Health and Safety` u li hu ha hsieb ix-xoghol tieghu u Kalaxlokk kellha tiehu hsieb taghha bhala `Main Contractor`, u kien ghalhekk li hu zarma l-`iscaffolding` meta waqaf jahdem fil-MIMCOL u kif ukoll li `Risk Assessment Report` m` ghamilx ghax ma kellux ghalfejn bhala `Sub-contractor`. L-attur ma prezentax provi li hu esegwixxa l-`Health and Safety Program`, u fi kwalunkwe kaz ma jistax juza bhala skuza illi huwa ma kienx obbligat jaghmel dan l-`assessment` ghaliex huwa biss `Sub-contractor`. Jekk kellu miktub li kien obbligat jipprovdi l-`assessment`, dan kellu jaghmlu. Dwar l-`iscaffolding`, dan kellu jithalla hemm "during the contract period" u kellu jitnehha wara li jitlestew ix-xoghlijiet. B` dan pero` illi l-esponenti jifhmu li qed jirreferi ghax-xoghol li kellu jaghmel l-attur, u mhux ghax-xoghol kollu li kellha taghmel il-konvenuta fir-relazzjoni taghha mal-klijent taghha, cioe` MIMCOL. Jidher illi meta nqalet il-kwistjoni fuq il-bieb ta` barra, li l-attur irrifjuta li jaghmel minhabba nuqqas ta` qbil, il-konvenuta hesrem itterminat is-subappalt. F` dan l-istadju ghalhekk, ix-xoghol tal-attur irid jigi meqjus illi ntemm u kwindi dan m` ghamel xejn hazin billi nehha l-`iscaffolding` tieghu. **Ghalhekk, il-bilanc dovut ghall-fornitura ta` `scaffolding` fl-ammont ta` €500 (billi nofs is-somma dovuta cioe` €500 huma gja mhallsin) mhux sew li dan l-ammont jitnaqqas mit-talba tal-attur. B` dana pero` illi s-somma komplessiva ta` €900 mitluba ghar-rigward taz-zewg `preambles` l-ohra tirrizulta mhux dovuta.***

***5.02*** *Il-kont l-iehor tax-xoghlijiet tal-MIMCOL fl-ammont ta` €3,373.86 rapprezentanti `retention money` mhux kontestat tant li Kalaxlokk hallset dan l-ammont lill-attur li min-naha tieghu m` accettax il-hlas. **Ghalhekk, l-ammont ta` €3,373.86 bhala `retention money` ghadu dovut."***

## ii) CDRT

Dwar ix-xoghol fis-CDRT ighidu hekk :-

| | | |
|---|---|---|
| ***CDRT*** | ***`Skip hire`*** | ***€ 8,679.70*** |
| | ***Total kontijiet*** | ***€175,559.81*** |
| | ***Xoghlijiet `extra`*** | ***€ 60,102.49*** |
| | ***`Sanding down` faccata Blokk B*** | ***€ 497.68*** |
| | ***Dritt tal-kejl tal-Perit Bartoli*** | ***€ 236.00*** |

***6.01*** *L-ammont mitlub mill-attur ghal skips jikkomprendi 103 skips bil-prezz ta` €55.00 + VAT, 21 skips bil-prezz ta` €55.00, €140.00 ghall-uzu ta` `Bobcat` u €700.00 ghal erbat ijiem xoghol skont `Invoices` 264, 265, 268, 354 u 440. Ghalkemm mhux kontestat li l-prezz tal-iskips miftiehem huwa bil-€55.00 + VAT, mhux maghruf ghalfejn fl-ahhar kont l-attur ma ziedx il-VAT fuq l-ammont imsemmi. Jirrizulta li l-attur kien inghata inkarigu biex inehhi materjal li kien tpogga hdejn Blokk B minn impjegati tal-Gvern, ghall-liema xoghol l-attur kellu jithallas a bazi ta` `Invoice` 331 fl-ammont ta` €2,469.74. Madankollu, ma jidhirx li din l-`Invoice` 331 giet inkluza la fil-kont hawn fuq imsemmi fl-ammont ta` €8,679.70 u lanqas fil-kontijiet l-ohra dovuti lill-attur. Dwar dan l-istess kont tal-iskips fl-ammont ta` €8,679.70, Kalaxlokk qed tissottometti li dawn mhux dovuti billi l-offerta tal-attur kien tikkomprendi l-`loading and carting away` relatati max-xoghlijiet. Min-naha l-ohra, l-attur jissottometti li din il-kundizzjoni kienet tghodd biss ghall-`Main Contractor` u mhux ghalih bhala `Sub-contractor`. Billi mill-BOQs relattivi li jitrattaw ir-relazzjoni bejn l-attur u Kalaxlokk (Dok FA4) jidher car li r-rati kwotati kienu jinkludu r-rimi u kif ukoll billi l-attur ma ressaqx provi sufficjenti dwar l-imsemmija numru sostanzjali ta` skips, l-esponenti Periti Gudizzjarji qedin jikkonsidraw bhala dovut biss* ***<u>l-ammont inkontestat ta` €2,469.74 permezz ta` `Invoice` 331` li jitratta `skip hire` ghat-tnehhija ta` materjal imholli minn terzi kuntratturi</u>.***

***6.02A*** *Il-kontijiet li fuqhom hadem il-kont tieghu il-Perit Bartoli ghall-attur huma l-istess kontijiet li hemm annessi mal-affidavit ta` Edwin Mamo fl-ammont globali ta` €148,779.51 hlief ghal avarija zghira fejn il-kont fuq Blokk A huwa muri €225 inqas fil-kont tal-Perit Bartoli. L-attur zied il-VAT fuq dan l-ammont mentri jidher car, anke mill-kont tal-Perit Bartoli (partikolarment mill-`Invoices` imsemmija), li dan il-kont kien gja jikkomprendi l-VAT. Ghalhekk, minhabba f` din iz-zjieda doppja fil-VAT,* ***<u>din il-parti tat-talba tal-attur ghandha titnaqqas minn €175,559.81 ghal €148,779.51 wara li jitnaqqas il-VAT erronjament maghdud doppju fis-somma ta` €26,780.30.</u>***

***6.02B*** *Jirrizulta li c-`Chief Quantity Surveyor` Joseph Grech (li kien hu li ssuggerixxa lill-attur ghall-imsemmija xoghlijiet) ghan-nom tal-Ufficcju tal-Prim Ministru (il-klijent) kien jghaddi dawn il-kontijiet tas-CDRT imhejjija minn Mark Debono lill-Perit Mario Bonello u min-naha tieghu, il-Perit Bonello kien jiffirma u japprova l-kontijiet. Ghalkemm hawnhekk il-`Quantity Surveyor` qed jirreferi ghall-`final bills` Dok. `MD1`, `MD2` u `MD3` li jitrattaw ir-relazzjoni bejn Kalaxlokk u l-klijent, jidher li dawn il-kontijiet jikkomprendu wkoll ix-xoghlijiet li saru mill-attur, cioe` dawk inkorporati fit-talba tal-attur (relazzjoni bejn l-attur u Kalaxlokk), pero` b` rati differenti. Fil-fatt, fil-kontroezami l-attur jikkonferma li l-kontijiet tieghu*

*huma bbazati fuq id-dokumenti originali, cioe` dawk mghoddija lilu minn Raymond Caruana u li dwarhom hemm qbil.*

***6.02C*** *L-attur jissottometti li Kalaxlokk qatt ma waqfuh mix-xoghol jew gibdulu l-attenzjoni li qed jaghmel xi haga hazina u jsemmi li mhux l-ewwel darba li kellu jaqla x-xoghol u jerga jaghmlu minhabba li lilu qatt ma tawh pjanti, u li x-xoghol kien jitfassal hazin minn Raymond Caruana. Min-naha l-ohra, Kalaxlokk tissottometti li gieli gibdet l-attenzjoni tal-attur dwar xoghol hazin u kien hemm xoghlijiet li kienu jigu korretti u kien hemm xoghlijiet li dejjem ha jaghmilhom u ma jaghmilhomx.*

***6.02D*** *Wara li l-attur beda bl-invjar ta` Blokk B f` Ottubru 2009 (wara li din kienet inbdiet minn haddiema tal-Gvern u ma tkomplietx), huwa baqa jinghata bicca xoghol wara l-ohra regolarment mill-Perit Mario Bonello u minn Raymond Caruana, ghalkemm Edwin Mamo jghid li wara x-xoghol tal-balavostri fuq Blokk A il-klijent tant kien xeba mix-xoghol u l-atteggjament tal-attur li kien kitiblu fit-03 ta` Awwissu 2010 li ma riedux aktar lill-attur u jaghmel referenza ghall-`e-mail` Dok. `NT1` li pero` la tghid hekk u lanqas iggib l-istess data. Edwin Mamo zied li hu kien kecca lill-attur minn fuq ix-xoghol u accettah lura wara li ntervjena l-Perit Bonello.*

***6.02E*** *L-attur jissottometti wkoll li Edwin Mamo kien offra s-somma finali mat-tmiem tal-kuntratt ta` subappalt ta` €20,873.86 ibbazata fuq pagament akkont ta` €133,577.56, danni ta` €2,200, kontijiet ta` €153,315.58 fis-CDRT flimkien ma` €3,373.86 ghal Tigne.*

***6.02F*** *Fid-difiza taghha, Kalaxlokk qed taccetta li x-xoghlijiet jiswew €153,315.58 u qed tippretendi li dan l-ammont ghandu jitnaqqas minhabba t-tiswijiet li saru minn kuntratturi ohra u dawk li ghad iridu jsiru. F` dan ir-rigward l-attur ukoll jirreferi ghac-cangatura li wara li poggiha hu, inqalghet u regghat tqieghdet minn kuntrattur iehor ta` Kalaxlokk. Dwar id-difetti Kalaxlokk prezentat rapport tal-Perit Joseph Grech Dok. `JG` li jinkludi ritratti li spezzjona l-fond fil-21 ta` Jannar 2011 ma` Raymond Caruana, wara l-ftuh tas-CDRT. Ghalkemm dwar it-tiswijiet Kalaxlokk ma ressqet l-ebda kontrotalba filwaqt li jirrizulta wkoll li Kalaxlokk thallset kollox mill-klijent ghax-xoghol li esegwiet fis-CDRT, l-esponent Perit Tekniku ser jitratta dwar jekk ix-xoghlijiet sarux mill-attur kif titlob l-arti."*

## 3) <u>Osservazzjonijiet tal-perit legali</u>

Il-perit legali jaghmel dawn l-osservazzjonijiet :-

***6.02FF*** *Huwa ormai stabbilit illi in omagg ghall-principju `inademplenti non est ademplendum`, illi l-kommittent jista jinsisti fuq riduzzjoni fil-prezz tal-appalt meta x-xoghol esegwit ikun difettuz. Ma jidhirx illi din il-pozizzjoni trid tittiehed bilfors `per via` ta` kontrotalba, izda hija l-fehma tal-esponent Perit Legali illi din tista` liberament tinghata `ope exceptionis`. Kwindi in-nuqqas ta` kontrotalba mhix problematika.*

***6.02FFF*** *Fit-tieni lok huwa siewi li jigi ndirizzat punt imressaq mill-attur fis-sens illi l-konvenuta ma tistax tilmenta mix-xoghol esegwit galadarba hija thallset `in toto` mill-kommittent finali, f` dan il-kaz il-MIMCOL. L-esponent Perit Legali hu tal-fehma illi x` gara bejn il-kommittent u l-appaltant hija `res inter alios acta di fronte` is-subappaltant. Dan il-punt jemergi car mill-gurisprudenza li tistabbilixxi qabel xejn illi l-kommittent m` ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-subappaltant, u fit-tieni lok tistabbilixxi wkoll illi l-hlas mhux bilfors jekwivali ghall-accettazzjoni tax-xoghol esegwit. Kwindi, il-pregudizzjali mressqa mill-attur ghall-eccezzjoni tax-xoghol imwettaq hazin imressqa mill-konvenuta, mhix pregudizzjalment attendibbli.*

**4) <u>Osservazzjonijiet tal-perit tekniku</u>**

Il-perit tekniku jaghmel dawn l-osservazzjonijiet dwar dawk ix-xogholijiet li sar lment dwarhom fis-sens li ma sarux skond is-sengha u l-arti :

***6.02G*** *Waqt l-access Kalaxlokk indikat xi difetti ta` fili miftuha bejn ic-cangatura madwar Blokk A u C. Dawn id-difetti jissemmew ukoll fir-rapport tal-Perit Joseph Grech Dok. `JG`. Edwin Mamo jghid li l-fili ma kienux qed jimtlew sew bit-tajn billi dan kien qed jiggomma mill-ewwel u kien gibed l-attenzjoni tal-attur biex ixarrab il-franka imma l-attur qallu li dak kien minhabba li l-Perit kien ghazel `Hydraulic Lime` biex jimtlew il-fili. L-attur jissottometti wkoll li l-fili nqalghu wara li tas-CDRT haslu c-cangatura bl-ilma bil-pressa u kif ukoll billi ma saritx sodda tal-konkos u qatran taht ic-cangatura. Ghalkemm l-esponent jaqbel mat-tezi tal-attur illi l-fili aktar facilment jinqalghu meta jimtlew bil-`Hydraulic Lime`, meta jinhaslu bil-pressa u bil-prezenza tal-umdita, billi numru relattivament zghir ta` fili nfethu u mhux madwar il-medda kollha, jirrizulta illi l-fili nfethu fejn ma kienux mimlija sewwa u mhux ghar-ragunijiet imsemmija mill-attur ghax kieku l-hsara kienet tkun aktar mifruxa. Ghalhekk, jirrizulta xoghol mhux skont l-arti u s-sengha fir-rigward u r-rimedju hu li dawn il-fili jigu mnaddfa u mimlija sew mill-gdid. Dawn ix-xoghlijiet huma nkluzi f` `Item` 42 fl-ammont ta` €12,387.60 fil-kont Dok. `LS`. Billi d-difett jidher li huwa biss f` partijiet mill-`grouting`, l-esponent Perit Tekniku iqis illi l-valur tal-*

*`grouting` ta` din il-parti kollha m` ghandux jeccedi €1,500 filwaqt ukoll li jikkonsidra illi irid isir mill-gdid xi 25% tieghu u ghalhekk mehudin dawn l-estimi hemm lok ta`* ***tnaqqis ta` €375 ghal din il-partita.***

***6.02H*** *Kalaxlokk tilmenta wkoll minn spazju li thalla miftuh bejn hajt originali u hajt gdid mibni mill-attur kif jissemma fir-rapport tal-Perit Joseph Grech Dok. `JG`. L-attur jissottometti li l-hajt dobblu qadim ta` hdejh inhatt minn Kalaxlokk u thalla miftuh. Ghalkemm l-arti u s-sengha titlob li dan l-ispazju kellu jitkahhal u jinghalaq, dan it-tikhil isir mill-kahhal. Ma jirrizultax li l-attur kien involut fit-tikhil tal-wicc tal-imsemmi hajt antik u ghalhekk ma jirrizultax difett fir-rigward.*

***6.02I*** *Dwar il-maghqad fil-kontrabejt fuq Blokk C kif certifikat fir-rapport tal-Perit Joseph Grech Dok. `JG`, jirrizulta li fuq dan il-bejt hemm maghqad sostanzjali minhabba li ma sarx qlib adegwat mill-attur. L-attur jghid li dan il-maghqad huwa trab li jibqa wara li jiskula l-ilma tax-xita. L-esponent Perit Tekniku jirrileva li dan it-trab jibqa fuq il-bejt minhabba fil-prezenza tal-istess maghqad, fejn it-trab jimxi mal-ilma. Ghalhekk, jirrizulta li dan il-kontrabejt ma sarx skont l-arti u s-sengha u dan il-maghqad kellu jigi rimedjat billi jsir il-livellar necessarju li l-esponent Perit Tekniku* ***jistmah fl-ammont ta` €300****. Ghalkemm Kalaxlokk ghamlet `water-proofing membrane` fuq l-istess bejt, din il-`water-proofing membrane` ma kenitx necessarja minhabba l-istess maghqad billi kien ikun bizzejjed li jsir livellar.*

***6.02J*** *Fir-rapport tal-Perit Joseph Grech Dok. `JG` jissemma wkoll li s-soprabank fuq Blokk C mhux `properly bonded`. L-arti u s-sengha titlob li f` xoghlijiet ta` din in-natura jsiru mincotti sabiex l-opramorta tintrabat sewwa, partikolarment meta l-opramorta tkun tikkonsisti f` balavostri (knatan bil-wieqaf) bhal f` dan il-kaz. Ghalhekk, jirrizulta xoghol mhux skont l-arti u s-sengha fir-rigward u r-rimedju hu li s-soprabank jinqala u jerga jitqieghed mill-gdid bil-mincotti. Dan ix-xoghol huwa nkluz f` `Item` 1.08 fl-ammont ta` €1,500.00 fil-kont Dok. `C`. L-esponent Perit Tekniku jqis illi billi d-difett jinsab limitat ghall-immincottjar li qed jigi stmat fil-valur ta` €300, huwa tal-fehma illi* ***c-cifra ta` €300 ghandha titnaqqas mill-ammont dovut lill-attur.***

***6.02K*** *Kalaxlokk ilmentat ukoll minn difetti fil-faccata ta` Blokk B minhabba andulazzjonijiet fil-faccata u difetti fil-fili kif imsemmi fir-rapport tal-Perit Joseph Grech Dok. `JG`. Waqt l-access Kalaxlokk indikat ukoll nuqqas ta` sollijiet fil-faccata u fiz-zebgha ta` Blokk B u kif ukoll difetti fil-faccata ta` Blokk C. Ikkonsidrat il-fatt li l-invjar sar fuq gebel qadim, il-fatt li ma jirrizultawx xi fili miftuha hlief dawk fir-ritratt KXC Ref. 14 fl-affidavit ta` Raymond Caruana fuq Blokk C li jidhru li huma miftuha bl-idejn u kif*

*ukoll li din kienet l-ewwel bicca xoghol li nghata l-attur u wara baqa jinghata bicca xoghol wara l-ohra mill-Perit Mario Bonello u Raymond Caruana, ihalli dubju qawwi kemm ix-xoghlijiet li saru mill-attur fuq faccati qodma ma kienux ta livell sodisfacenti kif mistenni minn Kalaxlokk u/jew mill-klijent. Ghalhekk, mhux qed jigi kkonsidrat li hemm difett fir-rigward.*

***6.02L*** *Jissemma wkoll li l-`Grouting` tal-madum tal-granit hdejn il-kamra tas-`Security` (li sar minn Marion) kien gie mhanzer u qisu mizbugh wiesgha hafna u l-klijent m` accettahx u kellu jinqala` u jitwahhal minn kuntrattur iehor li sewa lil Kalaxlokk €50 biex jinqala` biss u hallset ukoll ghat-tqeghid tieghu. L-attur jghid li dan propjament kien madum tac-Cina li twahhal bil-maqlub (wicc mhux lixx imma mqabbez) li ccaqlaq u tkisser parti mit-tarag ta` hdejn il-kamra tas-`Security Guards` meta haddiema ta` Kalaxlokk saqu trakk u jghid li kieku dan vera nqala ghax il-`Grouting` sar imhanzer allura kellu jinqala wkoll il-madum simili fuq wara ta` Blokk A. Ghalkemm dan il-madum tqieghed mill-attur, ma tressqet l-ebda prova minn Kalaxlokk ghalfejn il-madum kellu jitbiddel galadarba Kalaxlokk stess allegat li d-difett kien biss fil-`Grouting` tieghu. Ghalhekk, fuq nuqqas ta` provi, ma jirrizultawx difetti f` dan il-madum.*

***6.02M*** *Ghalhekk, tenut kont dawn il-konsiderazzjonijiet, ghandu jkun hemm dan it-tnaqqis minhabba xoghol mhux skont l-arti u s-sengha min-naha tal-attur :*

| | | |
|---|---|---|
| ***6.02G.*** | ***Fili Cangatura*** | ***€ 375.00*** |
| ***6.02I.*** | ***Maghqad Kontrabejt*** | ***€ 300.00*** |
| ***6.02J.*** | ***Mincottjar `Coping`*** | ***€ 300.00*** |
| | ***TOTAL TNAQQIS XOGHOL DIFETTUZ*** | ***€ 975.00*** |

**5) Osservazzjonijiet peritali dwar ix-xoghol *extra***

***6.03*** ***Dwar ix-xoghlijiet `extra`****, l-attur jghid li fid-19 ta` Ottubru 2010 iltaqghu is-CDRT hu, Perit Randolph Bartoli, Raymond Caruana u ibnu Rene Abela u flimkien daru u kejlu x-xoghlijiet li ma kienux imdahhla fil-kontijiet. Wara li l-Perit Bartoli hejja l-kont Dok. `R` fol. 10 li fuqu l-attur qed jibbaza t-talba tieghu, Raymond Caruana irrisponda ghal dan il-kont permezz ta` ittra tat-22 ta` Novembru 2010 (dwar liema ittra l-attur ma qabbadx lill-Perit Bartoli jivverifika) kif spjegat ukoll fl-affidavit estensiv tal-istess Raymond Caruana li jinsab fil-`folder` ahdar fl-atti. Ghalkemm l-attur u Perit Bartoli jghidu li dakinhar li ltaqghu biex ikejlu x-xoghlijiet `extra` kien hemm qbil dwarhom ma` Raymond Caruana, dan ma jirrizultax mir-risposta u l-affidavit tal-istess Raymond Caruana. Ghal dawn ix-xoghlijiet*

*`extra` l-attur qed jitlob €60,102.49 (billi ghalkemm f` fol. 6 l-attur jghid li l-ammont ta` €235,898.30 jikkomprendi €50,934.31 xoghlijiet `extra`, jirrizulta li propjament l-attur qed jippretendi €60,102.49 ghall-istess xoghlijiet `extra` billi huwa zied il-VAT fuq l-ammont komplessiv ta` €199,913.82 li johrog mill-kont tal-Perit Bartoli). Mill-kont tal-Perit Bartoli jidher car (partikolarment mill-`Invoices` imsemmija fl-istess kont) li l-ammonti ghal dawn ix-xoghlijiet `extra` kienu gja jikkomprendu l-VAT. Ghalhekk, minhabba f` din iz-zjieda doppja fil-VAT, din il-parti tat-talba tal-attur ghandha titnaqqas minn €60,102.49 ghal €50,934.31, u dana minghajr pregudizzju ghal dak li ser jintqal iktar `l isfel dwar dan l-ammont ta` €50,934.31 ukoll.*

***6.03A*** *Dwar il-hames `Manholes`, jirrizulta li dawn thallew barra bi zball u ghalhekk l-ammont ta` €1,115.00 huwa dovut.*

***6.03B*** *Dwar ir-`Restoration Works to Arch`, l-attur jghid li wara li kien beda jirrestawraha bil-`Hydro Water Jet Blasting` u tindif bl-idejn hu kien ordnat jieqaf biex il-flus jintuzaw fuq xoghol aktar importanti u ghalhekk il-hnejja ma tlestietx mir-restawr. Min-naha l-ohra Edwin Mamo jghid li meta kien sar il-hasil biss, il-Perit Bonello waqqfu mix-xoghol ghax kien gej hazin u jsemmi wkoll li lanqas biss l-imsiemer ma nqalghu kif jissemma fir-rapport tal-Perit Joseph Grech Dok. `JG` u kif jidher mir-ritratti Dok. `EM1` sa `EM5`. Dan jikkonfermah ukoll Perit Mario Bonello. Madankollu, jirrizulta li fil-kont tal-`landscaping` Dok. `LS` hemm €1,740 inkluzi ghal dan ix-xoghol f` Item 53. Oltre minn hekk, l-attur jghid li sar il-`Hydro-Blasting` u fethu l-fili u li hu thallas ta` dan ix-xoghol u qabel li ma nehhiex il-granpuni ghax twaqqaf. Ghalhekk, it-talba `extra` f` dan ir-rigward mhux gusta.*

***6.03C*** *Dwar ir-`Restoration to Bastion Wall`, jirrizulta li fil-kont tal-`Landscaping` Dok. `LS` gja hemm €4,933.91 u €1,536.00 (komplessivament €6,469.91) inkluzi ghal dan ix-xoghol f` `Items` 64 u 21 rispettivament. Billi l-attur ma ressaqx provi dwar il-ghala il-pretensjonijiet tieghu iwasslu sal-ammont ta` €13,640.81, din it-talba mhux qed tigi kkonsidrata bhala `extra`. Kwindi hija dovuta biss is-somma msemmija ta` €6,469.91 gja maghduda fil-`Bills of quantities`.*

***6.03D*** *Dwar ir-`Reinstate Collapsed Wall`, Edwin Mamo jghid li meta kienu qed ihaffru l-blat ghall-`lift pit` waqqghu lqugh u l-attur pretenda li jithallas talli rranga dak li kien waqqa` hu stess. Min-naha l-ohra, l-attur jghid li l-filati l-qodma baqghu hemm u huma bnew taht u nfurzawh. Madankollu, jirrizulta li fil-kont tal-`landscaping` Dok. `LS` gja hemm €468.00 u €951.75 (komplessivament €1,419.75) inkluzi ghal dan ix-xoghol f`*

*`Items` 29 u 34 rispettivament u ghalhekk jidher li ma hemm l-ebda raguni il-ghala din il-partita tigi kkonsidrata bhala `extra`, meta hija gja maghduda. Ukoll l-attur ma ressaqx provi dwar li dawn ix-xogholijiet swew €1,500.00. Ghalhekk, din it-talba mhux qed tigi kkonsidrata bhala `extra`, u hija dovuta biss is-somma msemmija ta` €1,419.75 gja maghduda fil-`Bills of quantities`.*

***6.03E*** *Dwar il-`Formation of Staircase`, jirrizulta li fil-kont tal-`landscaping` Dok. `LS` gja hemm €748.44, €334.80, €236.53, €124.73, €9.89 u €162.81 (komplessivament €1,617.20) inkluzi ghal dan ix-xoghol f` `Items` 2, 29, 31, 32, 33 u 34 rispettivament li komplessivament jissuperaw it-talba tal-attur fl-ammont ta` €1,200.00. Ghalhekk din it-talba mhux qed tigi kkonsidrata bhala `extra` u hija dovuta biss is-somma msemmija ta` €1,617.20 gja maghduda fil-`Bills of quantities`.*

***6.03F*** *Dwar il-`Formation of Planters`, jirrizulta li fil-kont tal-`landscaping` Dok. `LS` gja hemm €82.80, €37.99, €97.20, €21.28 u €197.03 (komplessivament €436.30) inkluzi ghal dan ix-xoghol f` `Items` 8, 15, 29, 33 u 36 rispettivament. Billi l-attur ma ressaqx provi dwar il-pretensjonijiet tieghu sal-ammont ta` €470.00, din it-talba mhux qed tigi kkonsidrata bhala `extra`. Kwindi hija dovuta biss is-somma msemmija ta` €436.30 gja maghduda fil-`Bills of quantities`.*

***6.03G*** *Dwar il-`Breaking Up of Tiles and Cart Away`, Edwin Mamo jsemmi okkazjoni meta kuntrattur iehor li kien qed jaqla l-madum gratlu hsara fil-`jigger` u meta l-attur semghu jirrabja ghax ix-xoghol kien ser jaqa lura, minn jeddu gab il-`bobcat` u kisser madwar hames metri kwadri madum imma ghamel hsara fil-fetha tal-bieb. Edwin Mamo jghid "Qatt ma indika li kien irid hlas ghal dan, ghax kieku kont ninfurmah mill-ewwel li ma kontx sejjer inhallsu." Li nqalghu hames metri kwadri jikkonfermah ukoll Raymond Caruana. Min-naha l-ohra, fil-kontroezami l-attur ma ftakarx li kien intervjena f` xi xoghol ta` kuntrattur iehor li nkisirlu l-`jigger` fil-qlugh tal-madum. Fuq ammissjoni tar-rapprezentatnt ta` Kalxlokk, jidher illi xi kumpens ghal dan ix-xoghol huwa dovut, izda l-esponent Perit Tekniku hu tal-fehma illi s-somma mitluba mill-attur ta` €1,500 hija eccessiva ghat-tkissir u rimi ta` 5 metri kwadri u jikkonsidra illi ammont ta` €250 huwa kumpens adegwat.*

***6.03H*** *Dwar id-`Double Handling of Soil and Disposal of Trees`, jirrizulta li fil-kont ta` Blokk `A` Dok. `A` gja hemm €640.00 u €220.00 ghal dan ix-xoghol f` `Items` 9 u 11 rispettivament u fil-kont tal-`Landscaping` Dok. `LS` gja hemm €65 ghal dan ix-xoghol f` `Item` 3 (komplessivament €925.00). Billi jirrizulta li sar `double handling` tal-hamrija fis-sens li nehhewha u poggewha fil-bitha u wara uzawha ghall-`Planters` u l-`Potholes`, u ghalhekk ix-xoghol sar darbtejn, it-talba tal-attur fl-ammont*

*komplessiv ta` €1,400.00 hi accettabbli u wara li jitnaqqas l-ammont gja maghdud fil-`Bills of quantities` jifdal bilanc dovut ta` €475.00.*

***6.03I*** *Dwar ir-`Removal of Concrete Platform near Demolished Room and Generator Area`, jirrizulta li fil-kont ta` Blokk `A` Dok. `A` gja hemm €675.00 ghal dan ix-xoghol f` `Item` 6, li huwa aktar mill-ammont ta` €600.00 mitlub mill-attur. Ghal darb` ohra jidher illi l-attur qed jippretendi hlas ghal xoghol li huwa qed jikkonsidrah bhala `extra`, meta fil-fatt dan kien xoghol kuntrattat u mkejjel fil-`Bills of quantities`. Ghalhekk din it-talba mhux gusta. Kwindi hija dovuta biss is-somma msemmija ta` €675.00 gja maghduda fil-`Bills of quantities`.*

***6.03J*** *Dwar il-`Concrete Floor and Boundary Wall`, l-attur isemmi l-art tal-konkos hdejn Blokk A li ma tkejjlitx u tkejjlet mill-Perit Randolph Bartoli mentri Raymond Caruana ma jghid xejn minhabba nuqqas ta` nformazzjoni. Fuq probabilta ta` provi favur l-attur (partikolarment mill-kont tal-Perit Bartoli), l-esponenti qed jikkonsidraw it-talba tal-attur fir-rigward fl-ammont ta` €600.00 bhala gusta.*

***6.03K*** *Dwar il-`Formation of Potholes and Concrete`, fil-kont tal-`landscaping` Dok. `LS` gja hemm €204.39 u €2,615.40 (komplessivament €2,819.79) ghal dan ix-xoghol f` `Items` 28 u 29 rispettivament li komplessivament huma aktar mill-ammont ta` €2,300.00 mitlub mill-attur. Japplika l-istess ragunament imsemmi f` paragrafu 6.03I. Ghalhekk, din it-talba mhux qed tigi kkonsidrata bhala `extra`. Hi dovuta biss is-somma msemmija ta` €2,819.79 gja maghduda fil-`Bills of quantities`.*

***6.03L*** *Dwar `Invoice` 353 fl-ammont ta` €1,304.44, la tressqet kopja ta` din l-`Invoice` u lanqas tressqu provi dwar x` hiex tirrelata. Ghalhekk, din l-`Invoice` mhux qed tigi kkonsidrata dovuta fuq nuqqas ta` provi.*

***6.03M*** *Dwar l-ammont ta` €374.20 ghal `Invoice` 466, jirrizulta illi r-rata miftiehma hija €29.50 kull pied u mhux €29.50 kull metru kwadru kif imnizzel fil-kont tal-Blokk A Dok. `A` `Item` 13. Ghalhekk, hemm diskrepanza ta` €287.30 favur l-attur kif jaqbel ukoll Raymond Caruana, liema ammont ghandu jigi kkonsidrat fit-talba tal-attur.*

***6.03N*** *Dwar il-`Pointing`, fil-kont ta` Blokk C Dok. `C` gja hemm €1,024.38 u €2,601.60 (komplessivament €3,625.98) ghal dan ix-xoghol f` `Items` 4.04 u 4.05 rispettivament li komplessivament jissuperaw bil-bosta t-talba tal-attur fl-ammont ta` €22.72. `Vide` paragrafu 6.03I. Ghalhekk, din it-talba mhux qed tigi kkonsidrata bhala `extra` u hija dovuta biss is-somma msemmija ta` €3,625.98 gja maghduda fil-`Bills of quantities`.*

***6.03O*** *Dwar ic-Cint bil-Balavostri, fil-kont ta` Blokk C Dok. `C` gja hemm €1,500 u €962.50 (komplessivament €2,462.50) ghal dan ix-xoghol f` `Items` 1.08 u 1.16 rispettivament li komplessivament jissuperaw bil-bosta t-talba tal-attur fl-ammont ta` €1,825.00. `Vide` paragrafu 6.03I. Ghalhekk, din it-talba mhux qed tigi kkonsidrata bhala `extra` u hija dovuta biss is-somma msemmija ta` €2,462.50 gja maghduda fil-`Bills of quantities`.*

***6.03P*** *Dwar `Formation of Concrete Beam and Window Opening`, fil-kont ta` Blokk C Dok. `C` gja hemm €825.00 u parti minn €1,500 ghal dan ix-xoghol f` `Items` 3.0 u 9.0 rispettivament skont Raymond Caruana. Madankollu, dawn l-`Items` isemmu trattament tat-travu mentri l-attur qed jitlob ghal travu gdid. Fuq probabilta` ta` provi favur l-attur (partikolarment mill-kont tal-Perit Bartoli u x-xoghol involut biex issir din il-fetha), l-esponent Perit Tekniku qed jikkonsidra t-talba tal-attur fir-rigward fl-ammont ta` €900.00 bhala gusta.*

***6.03Q*** *Dwar ir-`Restoration of Roof and Floor Slabs`, jirrizulta illi fil-kont ta` Blokk C Dok. `C` gja hemm €660.00, €260.00, €1,440.00, €2,920.40, €360.00, €582.00, €330.00, €402.90 u €800.00 (komplessivament €7,755.30) ghal dan ix-xoghol f` `Items` 7.01, 7.02, 7.03, 7.04, 7.05, 7.06, 7.07, 2.00 u 8.00 rispettivament li komplessivament jissuperaw it-talba tal-attur fl-ammont ta` €5,402.72. `Vide` paragrafu 6.03I. Ghalhekk, din it-talba mhux qed tigi kkonsidrata bhala `extra`. Kwindi, hija dovuta biss is-somma msemmija ta` €7,755.30 gja maghduda fil-`Bills of quantities`.*

***6.03R*** *Dwar il-`Invoice` 428 (annessa mal-affidavit ta` Edwin Mamo) ghal `Hydroblasting and Pointing`, jirrizulta li fil-kont ta` Blokk C Dok. `C` gja hemm l-ammont mitlub mill-attur ta` €1,500.00 ghal dan ix-xoghol f` `Item` 9.00. Ghalkemm permezz tal-kont tal-Perit Randolph Bartoli, l-attur qed jitlob ukoll li l-`Hydro-Blasting rate` ghandha tizdied b` 10%, hu ma ressaq l-ebda raguni ghal dawn l-awment. Ghalhekk, it-talbiet tal-attur fir-rigward mhux qed jigu kkonsidrati bhala `extra`. Kwindi, hija dovuta biss is-somma msemmija ta` €1,500.00 gja maghduda fil-`Bills of quantities`.*

***6.03S*** *Dwar it-tlett `Manholes`, jirrizulta li dawn thallew barra bi zball u ghalhekk hemm dovut l-ammont mitlub ta` €669.00.*

***6.03T*** *Dwar il-`Formation of Boundary Wall to Ramp`, jirrizulta illi fil-kont tal-`landscaping` Dok. `LS` gja hemm €729.81 u €742.74 (komplessivament €1,472.55) ghal dan ix-xoghol f` `Items 34 u 35` rispettivament li komplessivament jissuperaw it-talba tal-attur fl-ammont ta` €900.00. `Vide` paragrafu 6.03I. Ghalhekk, din it-talba mhux qed tigi*

*kkonsidrata bhala `extra` u hija dovuta biss is-somma ta` €1,472.55 gja maghduda fil-`Bills of quantities`.*

***6.03U*** *Dwar il-`Floor slab and Aggregate`, fuq probabilta ta` provi favur l-attur (partikolarment mill-kont tal-Perit Bartoli), u n-nuqqas ta` kontestazzjoni min-naha tas-socjeta konvenuta, l-esponenti qed jikkonsidraw it-talba tal-attur fir-rigward fl-ammont ta` €1,370.90 bhala gusta.*

***6.03V*** *Dwar il-`Coping`, Raymond Caruana jghid li dan ma sarx ghax l-attur talab hafna. Madankollu, l-istess Raymond Caruana jghid li ghall-`fillet radius` fl-istess `Coping` l-attur thallas €36.57 skont `Item` 17 fil-kont tal-`Landscaping` Dok. `LS`. Billi ghalhekk Raymond Caruana jidher li qed jaccetta li l-attur ghamel din il-`Coping`, l-esponent Perit Tekniku qed jikkonsidra t-talba tal-attur fir-rigward kif indikata fil-kont tal-Perit Bartoli fl-ammont ta` €180.00 bhala gusta.*

***6.03W****Dwar `Stairs to Block C u Side Wall`, Raymond Caruana jaqbel li dan ix-xoghol ma thallasx u ghalhekk din it-talba fl-ammont ta` €500.00 hija wkoll dovuta.*

***6.03X*** *Dwar ir-`Removal of Trees`, jirrizulta li fil-kont ta` Blokk C Dok `C` gja hemm €870.00 ghal dan ix-xoghol f` `Item` 62 li jissupera t-talba tal-attur fl-ammont ta` €545.58. `Vide` paragrafu 6.03I. Ghalhekk, din it-talba mhux qed tigi kkonsidrata bhala `extra` u huwa dovut biss l-ammont ta` €870.00 gja maghdud fil-`bills of quantities`.*

***6.03Y*** *Dwar `Invoice` 413 ghal `Dismantling of Brick Wall`, jirrizulta li fil-kont ta` Blokk C Dok. `C` gja hemm €1,150.00 ghal dan ix-xoghol f` `Item` 1.07 li jissupera bil-bosta t-talba tal-attur fl-ammont ta` €220.93. `Vide` paragrafu 6.03I. Ghalhekk, din it-talba mhux qed tigi kkonsidrata bhala `extra`. Kwindi, huwa dovut biss l-ammont ta` €1,150 fir-rigward gja maghdud fil-`Bills of quantities`.*

***6.03Z*** *Dwar il-`Lintols Restoration`, jirrizulta li l-`Invoice` 570 fl-ammont ta` €1,363.33 mhux kontestata mentri l-`Invoice` 556 fl-ammont ta` €4,927.68 titratta xoghol tal-MIMCOL mhux kontestat u diga kkuntjat, u mhux xoghol tas-CDRT kif pretiz mill-attur. Ghalhekk dan l-ahhar ammont m` ghandux ghalfejn jitqies taht din il-partita billi gja nkluz taht il-kontijiet tal-MIMCOL. Madankollu, jirrizulta illi Kalaxlokk qed taqbel li hemm `Invoice` ohra 566 fl-ammont ta` €2,205.00 ghal `Sanding Facade Block B` u kif ukoll `Invoice` ohra ghall-istess faccata li Mark Debono ma kejjilx. Ghalhekk, qed jigi kkonsidrat dan l-ammont ta` €1,363.33+€2,205.00=€3,568.33 favur l-attur.*

***6.03ZZ*** *Ghalhekk, in sintezi, l-konkluzjonijiet milhuqa mill-esponenti a bazi tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq imsemmija huma kif indikati bil-`bold` fl-ahhar kolonna f` din it-tabella:*

| | ***Deskrizzjoni*** | ***Perit Bartoli*** | ***Perit Tekniku*** |
|---|---|---|---|
| ***A.*** | *`Manholes`* | *€ 1,115.00* | ***€ 1,115.00*** |
| ***B.*** | *`Arch Restoration`* | *€ 4,042.00* | ***€ 0.00*** |
| ***C.*** | *`Bastion Wall Restoration`* | *€13,640.81* | ***€ 0.00*** |
| ***D.*** | *`Reinstate Collapsed Wall`* | *€ 1,500.00* | ***€ 0.00*** |
| ***E.*** | *`Staircase`* | *€ 1,200.00* | ***€ 0.00*** |
| ***F.*** | *`Planters`* | *€ 470.00* | ***€ 0.00*** |
| ***G.*** | *`Breaking Up Tiles`* | *€ 1,500.00* | ***€ 250.00*** |
| ***H.*** | *`Soil and Disposal of Trees`* | *€ 1,400.00* | ***€ 475.00*** |
| ***I.*** | *`Removal of Concrete Platform`* | *€ 600.00* | ***€ 0.00*** |
| ***J.*** | *`Floor and Boundary Wall`* | *€ 600.00* | ***€ 600.00*** |
| ***K.*** | *`Potholes and Concrete`* | *€ 2,300.00* | ***€ 0.00*** |
| ***L.*** | *`Invoice` 353* | *€ 1,304.44* | ***€ 0.00*** |
| ***M.*** | *`Invoice` 466* | *€ 374.20* | ***€ 287.30*** |
| ***N.*** | *`Pointing`* | *€ 22.72* | ***€ 0.00*** |
| ***O.*** | *Cint bil-Balavostri* | *€ 1,825.00* | ***€ 0.00*** |
| ***P.*** | *`Window Opening`* | *€ 900.00* | ***€ 900.00*** |
| ***Q.*** | *`Roof and Floor Slabs`* | *€ 5,402.72* | ***€ 0.00*** |
| ***R.*** | *`Hydroblasting and Pointing`* | *€ 1,500.00* | ***€ 0.00*** |
| ***S.*** | *`Manholes`* | *€ 669.00* | ***€ 669.00*** |
| ***T.*** | *`Boundary Wall`* | *€ 900.00* | ***€ 0.00*** |
| ***U.*** | *`Floor Slab and Aggregate`* | *€ 1,370.90* | ***€ 1,370.90*** |
| ***V.*** | *`Coping`* | *€ 180.00* | ***€ 180.00*** |
| ***W.*** | *`Stairs and Side Wall`* | *€ 500.00* | ***€ 500.00*** |
| ***X.*** | *`Removal of Trees`* | *€ 545.58* | ***€ 0.00*** |
| ***Y.*** | *`Dismantling of Brick Wall`* | *€ 220.93* | ***€ 0.00*** |
| ***Z.*** | *`Lintols Restoration`* | *€ 6,291.01* | ***€ 3,568.33*** |
| | ***TOTAL*** | ***€50,934.31*** | ***€ 9,915.53*** |

***Ghalhekk, it-talba tal-attur ghax-xoghlijiet `extra` ghandha titnaqqas ghal €9,915.53 principalment (imma mhux biss) minhabba pretensjonijiet ta` hlas doppju mill-attur.***

***6.04*** *Dwar l-ammont ta` €497.68(Invoice 556 Dok C), jigi rilevat illi dan l-ammont propjament huwa €4,927.68 billi tirrizulta strixxa nieqsa minn din il-pagna fil-`photocopying`. Billi dan l-ammont ta` €4,927.68 gja gie trattat fil-paragrafu precedenti 6.03Z,* ***mit-talba tal-attur ghandu jitnaqqas ukoll l-ammont imsemmi ta` €497.68.***

***6.05*** *Dwar il-kont tad-drittijiet tal-Perit Bartoli ghall-kejl fl-ammont ta` €236.00, jigi rilevat illi mhux prassi li l-kont tal-kejl mill-Perit tas-`Sub-contractor` jithallas mill-`Main Contractor` billi tal-ahhar ikollu wkoll ir-rapprezentant tieghu (f` dan il-kaz Raymond Caruana) li jithallas minn Kalaxlokk. Ghalhekk, dan* ***<u>l-ammont ta` €236.00 ghandu jitnaqqas ukoll mit-talba tal-attur.</u>***

**6)** **<u>Hlasijiet</u>**

Dwar l-ammont li hallas l-attur, il-periti gudizzjarji jghidu hekk :-

***7.01*** *L-attur jissottometti li huwa thallas l-ammont ta` €123,733.76 minn Kalaxlokk mentri Kalaxlokk tghid li hallsitu €133,577.56 ghalkemm wara kkorregiet dan l-ammont ghal €145,043.14 a bazi tac-cekkijiet Dok. `KX1` sa `KX14` datati minn Novembru 2009 sa Ottubru 2010 (annessi mal-affidavit ta` Edwin Mamo). Din il-korrezzjoni giet minhabba li Kalaxlokk ma kenitx inkludiet l-ahhar pagament ta` €11,465.60 muri f` Dok. `KX14`. Dan l-ammont jikkomprendi €18,927.36 ghax-xoghol fil-MIMCOL u €126,115.78 ghax-xoghol fis-CDRT. Billi l-attur qed jaqbel li thallas €126,115.78 ghax-xoghol fis-CDRT, filwaqt illi l-kontestazzjoni dwar ix-xoghol fil-MIMCOL titratta biss il-`preambles` u r-`retention money`, l-esponenti qed jikkonsidraw illi* ***<u>l-attur propjament thallas €145,043.14.</u>***

**7)** **<u>L-ilmenti tal-konvenuta</u>**

Il-periti gudizzjarji jaghmlu riferenza ghal certi fatturi li rrizultaw waqt il-gbir tal-provi. U jqisu ilmenti li ghamlet is-socjeta` konvenuta dwar hsara li tghid li garrbet :-

***8.01*** *Edwin Mamo jghid li fil-bidu gew moghtija BOQs (Bills of quantities) u qablu fuq il-prezzijiet u li l-qbil mal-klijent kien li Kalaxlokk tipprovdi `Works Manager` biex jissorvelja x-xoghol u ghal dan u kif ukoll biex tkopri l-`overheads`, Kalaxlokk kienet ticcargja 10% fuq il-kwotazzjoni li jkun hemm qbil dwarha mas-`Sub-contractor`. Edwin Mamo zied li Kalaxlokk kienet tigbor tlett kwotazzjonijiet u wara tiddeciedi lil min tqabbad bhala `Sub-contractor`. Kif il-kwotazzjoni kienet tigi accettata mill-klijent (Perit Mario Bonello u Noel Toledo), kien isir ix-xoghol ghalkemm wara kompla li hafna drabi l-attur kien jibda xoghol li ghalih ma kienx ikun ghad hemm qbil mal-klijent. Dwar din l-10% Perit Bartoli jsemmi li meta wiehed iqabbel il-*

*`final bills` mal-kontijiet li fuqhom qed jibbaza t-talba tieghu l-attur il-persentagg jigi ghola, ghalkemm dan ma jincidix fil-mertu tal-kaz odjern billi ma jirrizultax li kien hemm xi ftehim bejn l-attur u Kalaxlokk li l-attur jithallas 10% inqas minn Kalaxlokk. Edwin Mamo jsemmi wkoll okkazjonijiet fejn l-attur l-ewwel kien jitlob somma u wara kienu jiftiehmu dwar somma ferm inqas kif jaqbel ukoll l-attur fejn jghid li dwar il-bir l-ewwel kien talab prezz u wara li ma giex accettat minn Kalaxlokk, kienu qablu fuq prezz iehor. Fir-rigward Edwin Mamo jsemmi wkoll il-balavostri fuq Blokk A fejn il-klijent ma qabilx mal-prezz mitlub mill-attur u finalment dawn saru mill-attur.*

*8.02* *Raymond Caruana xehed li l-prezz miftiehem kien ikun maqbul bejn l-attur, Kalaxlokk u l-klijent u kien ikun infurmat ukoll il-`quantity surveyor` (QS) tal-Gvern Mark Debono. Ghall-bidu Raymond Caruana kien ikun prezenti mal-QS biex ikejjel u dejjem qablu. Raymond Caruana kompla li f` xi zmien Edwin Mamo kien qallu li Abela kien infurmah li Mark Debono kien jaghmel xi xoghol `part-time` ghall-attur. Raymond Caruana kien jiccekja l-kontijiet u dejjem sab kollox sew. Anke l-attur kien jafda fuq il-kejl ta` Mark Debono tant li hu kien prezenti darba biss ghall-kejl. L-attur cahad li Mark Debono gieli ghamel xi xoghol `part-time` mieghu.*

***8.03*** ***Fil-paragrafi segwenti ser issir referenza ghall-pretensjonijiet ta` Kalaxlokk li mill-bilanc mahsub dovut ghad iridu jitnaqqsu l-valur tat-tiswijiet li saru u ghad iridu jsiru, u ohrajn li ghad iridu jigu valutati.***

*8.04* *Dwar Blokk C, Edwin Mamo jsemmi li t-tikhil ma sarx tajjeb u ghadu ma ssewwiex u l-bejt baqa jzomm l-ilma u kien anke dahal l-ilma (Dok. `EM`) fejn saret hsara fis-suffetti u fuq il-hitan minn gewwa. Il-hajt li jhares lejn l-iMsida nizel u ghadu miftuh kif gie wara x-xita u fuq il-bejt kienet saret l-istess hsara lill-`membrane` meta saru l-balavostri u ghamlu tiswijiet li swew madwar €400 barra l-hsara fis-suffett. L-esponent Perit Tekniku qed jikkonsidra ragjonevoli u verosimili l-imsemmi ammont ta` <u>€400 ghall-hsara msemmija</u>, liema somma ser titnaqqas mill-ispettanzi tal-attur.*

*8.05* *Kalaxlokk taghmel referenza wkoll ghal difetti rrangati minn haddiema ohra mqabbda minn Kalaxlokk bhal passagg hdejn Blokk B iccangat mill-gdid, tikhil tal-genb tat-tarag (li eventwalment sar minn Raymond Caruana bi spiza ta` €85 minbarra l-materjal ghalkemm l-attur jghid li dan ix-xoghol sar minnu); xoghlijiet ta` tikhil mhux kompluti bhal hajt fuq il-lift hdejn Blokk B, parti mill-faccata ta` Blokk C u fuq il-kamra tas-`Security Guards` (li dwar tal-ahhar l-attur jaqbel li saru minn kuntrattur iehor; kif ukoll hsarat allegatament ikkawzati mill-attur bhal marki ta` ngenji mal-hajt hdejn it-tarag u dawk ikkawzati minn perkolazzjoni*

*ta` ilma fi Blokk C;u ohrajn li gew irrangati minn haddiema ohra mqabbda minn Kalaxlokk bhal `patching` tal-`membrane` fuq Blokk A u C li saret minn kuntrattur iehor kif rapportati mill-Perit Joseph Grech f` Dok. `JG` (ghalkemm waqt l-access l-attur indika wkoll `patches` fuq bejt fejn ma sarux xoghlijiet minnu u ssottometta wkoll li l-balavastri tellaghhom fuq dan il-bejt bl-ispalla ghal fuq is-sottobank u li t-tajn intghagen isfel u li l-hsara fil-`membrane` saret meta twahhlu l-`airconditioners` u t-tankijiet tal-ilma) li kien sewa lil Kalaxlokk €450 minbarra €85 ghall-gurnata xoghol ta` Raymond Caruana. Perit Mario Bonello wkoll isemmi li kien ilmenta minn certu xoghlijiet li ma sarux sew u li "bhala regola dawn id-difetti kienu jigu rimedjati". F` dan ir-rigward l-esponent Perit Tekniku qed jikkonsidra ragjonevoli u verosimili l-ammont ta` <u>€535 ghal dawn il-hsarat, liema somma ser titnaqqas mill-ispettanzi tal-attur.</u>*

***8.06*** *Edwin Mamo jsemmi li l-pedati tat-tarag ma sarux tal-istess gholi u dan sewa lil Kalaxlokk €372.62 spejjez zejda ghax kellu jitranga mill-persuna li wahlet l-irham. Billi ma tressqux provi u lanqas gew indikati waqt l-access, dawn il-hsarat <u>ma jirrizultawx u mhux qed jigu kkonsidrati</u>.*

***8.07*** *Edwin Mamo jaghmel referenza wkoll ghal traskuragni min-naha tal-attur fejn haddiema minn tieghu kienu ghamlu hsara f` fanal, fir-`railing` tal-hadid, fiz-zkuk tas-sigar u f` hajt bil-makkinarju (ghalkemm fil-kontroezami l-attur cahad li ghamel hsarat f` fanal, fiz-zkuk tas-sigar, f` hajt u f` `railing` tal-hadid` u kien jghatti s-sigar bin-`netting` biex ma ssirilhomx hsara) u kif ukoll li l-haddiema kienu ghalqu l-ilma u hallew it-`training rooms` minghajr ilma wara li qalghu pajp tal-ilma minn mat-tank biex inqdew huma u wara ma regghux wahluh ghalkemm l-attur cahad li ghalaq l-ilma ghax ma kellux ghalfejn ghax hu ghagen it-tajn isfel u t-tank qieghed zewg bjut ghola minn fejn kien qed jahdem hu u zied li l-ilma inghalaq waqt li kien qed isir ix-xoghol tat-tarmak. Edwin Mamo jsemmi wkoll li l-attur kien fassal il-`lift pit` imxattar u Raymond Caruana kien pingielu kif ghandu jgib il-hitan skwerra. Dawn il-hsarat <u>mhux qed jigu kkonsidrati</u> billi ma tressqux provi dwar xi spejjez kienu nvoluti.*

***8.08*** *Edwin Mamo jirreferi wkoll ghar-rapport tal-Perit Anne Casha li jsemmi li dahal ilma ghand il-Pulizija minhabba "cracked joints between flagstones", fejn Kalaxlokk qabbdet persuna biex tirrangah. Ghalkemm l-attur jghid li dan il-`leak` irrizulta billi hemm pajpijiet tal-ilma fuq is-suffett u kif ukoll billi l-katusa tal-bejt (li ma saritx minnu) ma tinkludix minkeb fuq ic-cangatura, jirrizulta li dan il-`leak` sehh minn cangatura qadima fejn ma hadimx l-attur kif jidher mir-ritratt numru 4 mar-rapport tal-Perit Anne Casha u kif jikkonferma wkoll il-Maggur tal-Pulizija. Ghalhekk dawn il-hsarat <u>m` humiex attribwibli ghall-operat tal-attur u mhux qed jigu kkonsidrati fil-kalkolu finali</u>.*

*8.09* *Fil-kontroezami Edwin Mamo jsemmi wkoll li ghad hemm xi pendenzi ta` hlas mill-Gvern in konnessjoni ma` xoghol hazin li ghamel l-attur u ghad ghandu `bid bond` ta` €1,000 sakemm jirrangaw ix-xoghol hazin fejn tnehha l-konkos minn mas-sur u l-attur ghamel faxxa flok bidel il-kantun kollu (fuq il-parti fejn spara l-hajt). Dan jikkonfermawh ukoll ir-rapprezentant tal-klijent Noel Toledo u l-Perit Mario Bonello. Ghalkemm Edwin Mamo jghid li Kalaxlokk ghadha tehel penali mill-Bank kull sena fuq dan il-`bid bond`, ma tressqux provi fir-rigward u ghalhekk m` hu qed jigi kkonsidrat l-ebda tnaqqis, fil-mankanza ta` dawn il-provi u dan apparti illi hawn si tratta ta` pretensjoni `de minimis`.*

*8.10* *Fl-atti ssir referenza wkoll ghal `Invoice` 588 tat-18 ta` Jannar 2010 li l-attur jghid li din titratta thaffir ta` kanal li ghamel ghal `Sub-contractor` iehor ta` Kalaxlokk (certu Marco) u li din l-`Invoice` hu taha lil Marco u li mhux qed jitlob hlas dwarha f` din it-talba. Ghalhekk din il-partita mhux qed tigi kkonsidrata.*

## 8) Konkluzjonijiet tal-periti gudizzjarji

Il-**konkluzjonijiet** tal-periti gudizzjarji huma fis-sens illi ghandu jkun hemm tnaqqis minhabba hsarat ikkawzati mill-attur ghad-detriment tas-socjeta` konvenuta bil-perkolazzjoni ta` ilma (€400) u bi hsarat ohra aktar generali (€535) : total ta` **€935**.

Imbaghad jaghmlu aggustament tal-kont tal-attur kif gej :-

| | | |
|---|---|---|
| ***MIMCOL*** | ***`PREAMBLES"*** | ***€ 500.00*** |
| | ***TOTAL KONTIJIET (INKLUZ `RETENTION MONEY`)*** | ***€ 22,301.22*** |
| ***CDRT*** | ***`SKIP HIRE`*** | ***€ 2,469.74*** |
| | ***TOTAL KONTIJIET*** | ***€148,779.51*** |
| | ***XOGHLIJIET `EXTRA`*** | ***€ 9,915.53*** |
| | ***`SANDING DOWN` FACCATA BLOKK B*** | ***€ 0.00*** |
| | ***DRITT TAL-KEJL TAL-PERIT BARTOLI*** | ***€ 0.00*** |
| | ***TOTAL*** | ***€183,966.00*** |
| | ***AMMONT IMHALLAS*** | ***(€145,043.14)*** |
| | ***TNAQQIS XOGHOL DIFETTUZ*** | ***(€ 975.00)*** |
| | ***TNAQQIS HSARAT*** | ***(€ 935.00)*** |
| | ***BILANC*** | ***€ 37,012.86*** |

U jaghmlu dawn is-<u>senjalazzjonijiet</u> :

***9.01 Dwar ix-xoghol tal-MIMCOL f` Tigne it-talba tal-attur ghandha tigi ridotta b` €900.00 billi l-`preambles` dwar `health and safety` ma gewx kompletati mill-attur, ghalhekk ghall-ammont ridott ta` €3,873.86.***

***9.02 Ix-xoghlijiet tal-iskips tas-CDRT fil-Furjana jammontaw ghal €2,469.74 minflok l-ammont mitlub mill-attur ta` 8,679.70.***

***9.03 Il-kontijiet certifikati jammontaw ghal €148,779.51 u mhux €175,559.81 kif pretiz mill-attur billi l-attur zied il-VAT darbtejn fuq dawn il-kontijiet.***

***9.04 Ix-xoghlijiet `extra` qed jigu stmati fl-ammont ta` €9,915.53 minflok l-ammont mitlub mill-attur ta` €60,102.49.***

***9.05 L-ammonti l-ohra mitluba mill-attur ta` €497.68 u €236.00 drittijiet tal-kejl tal-Perit tal-attur m` humiex dovuti.***

***9.06 Jirrizulta li Kalaxlokk hallset lill-attur akkont is-somma ta` €145,043.14 u mhux is-somma ta` €126,115.78 imsemmija mill-attur.***

***9.07 Fix-xoghlijiet esegwiti mill-attur jirrizultaw biss difetti fix-xoghol tal-kontrabejt, tac-cangatura u fis-soprabank li dwarhom qed isir tnaqqis ta` €975.00.***

***9.08 Kalaxlokk taghmel referenza wkoll ghal diversi danni subiti minnha allegatament ikkawzati minn traskuragni min-naha tal-attur, dwar liema danni qed isir tnaqqis ta` €935.00.***

***9.09 Ghalhekk, jifdal bilanc favur l-attur fl-ammont ta` <u>sebgha u tletin elf u tnax Euro u sitta u tmenin centezmi (€37,012.86)</u>."***

## IV. <u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>

Jinghad *in primis* illi l-kostatazzjonijiet, konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet ta` natura teknika li jsiru minn perit tal-Qorti jikkostitwixxu **prova** mportanti ghall-gudikant biex ikun jista` jasal ghad-decizjoni tieghu.

Fis-sentenza li tat fid-19 ta` Novembru 2001 fil-kawza "**Calleja vs Mifsud**", il-Qorti ta` l-Appell irriteniet li –

*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi* ***prova ta` fatt*** *li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero` huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta` l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta` l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta` natura teknika li ma setax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr lassistenza ta` espert in materja. B` danakollu dan ma jfissirx illi l-qorti ma kellhiex thares b` lenti kritika lejn lopinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta` natura teknika.*

Ghandu jinghad in linea ta` principju illi ghalkemm qorti mhix marbuta taccetta l-konkluzzjonijiet ta` perit kontra l-konvinzjoni taghha (*dictum expertorum numquam transit in rem judicatam*), fl-istess waqt, dak ma jfissirx li "*qorti dan tista` taghmlu b` mod legger jew kapriccjuz. Ilkonvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubju dik lopinjoni teknika lilha sottomessa b` ragunijiet li ma ghandhomx ikun privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami."* (ara –"**Grima vs Mamo et noe**" – Qorti ta` l-Appell – 29 ta` Mejju 1998). Ghalhekk, "*qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kenitx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku.*" ["**Cauchi vs Mercieca**" (6 ta` Ottubru 1999) u "**Saliba vs Farrugia**" (28 ta` Jannar 2000) decizi mill-Qorti ta` l-Appell].

Fil-kaz tal-lum jirrizulta bhala fatt illi wara li l-periti gudizzjarji kkonfermaw ir-rapport taghhom bil-gurament, l-ebda parti ma ressqet talba ghall-hatra ta` periti addizzjonali. Li ghamlu l-partijiet kien illi llimitaw

ruhhom ghal skambju ta` noti ta` osservazzjonijiet. Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fit-23 ta` Gunju 1967 fil-kawza "**Bugeja et vs Muscat et**" intqal illi l-*"giudizio dell` arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija ta` talba ghan-nomina ta` periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli."*

**Hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti illi l-periti gudizzjarji ghamlu xoghol attent u akkurat sabiex jistabilixxu l-fondatezza o meno tal-pretensjoni attrici kif kienet dedotta fir-rikors guramentat. Wara li kkunsidrat s-sottomissjonijiet li ghamel l-attur bi kritika tar-rapport periatali, il-Qorti qeghda tesprimi ruhha fis-sens illi sejra taghmel taghha l-konkluzjonijiet tal-periti.**

Wara li hadet kont tal-osservazzjonijiet tal-attur, il-Qorti mhijiex sejra tiddiskosta ruhha mill-konkluzjonijiet peritali ghar-ragunijiet li gejjin :-

**1)** Fin-nota ta` sottomissjonijiet, l-attur sostna li r-relazzjoni tal-periti gudizzjarji tistrieh fuq il-premessa li d-Dok MD1, MD2 u MD3 jirraprezentaw il-*final bills of quantities*, ossia r-riassunt finali tax-xoghol li sar, u l-hlas li sar, jew li ghandu jsir. L-attur igib `il quddiem diversi argumenti sabiex isostni ghaliex ma jaqbilx li dawk id-dokumenti jikkostitwixxu *final bills* u li ghalhekk kwalunkwe konkluzjoni jew rizultanza misluta minnhom, jew permezz taghhom, ghandha titqies kollox inattendibbli. L-attur isostni li dawn id-dokumenti huma biss *tender estimates* mhux il-kontijiet finali li kellu jipprezenta Mark Debono. Dan ghaliex Dok MD 2 ghandu data li tigi qabel ma kien spicca x-xoghol fis-CDRT waqt li d-dokumenti l-ohra huma bla data. L-attur isostni li f`partijiet minn dawn id-dokumenti hemm imnizzel il-kliem "*tender estimate*" u ghalhekk skont l-attur ikompli juri li d-dokumenti mhumiex *final bills of quantities.* Jigi rimarkat ukoll illi s-socjeta` konvenuta tippretendi li Dok MD 1 sa MD 3 huma sprovvisti mill-firem tal-partijiet, kif ukoll li fid-Dok MD 2 hemm kont ta` €4,600 ghal fetha u tqeghid ta` travi, liema xoghol qatt ma sar.

Din il-Qorti tara illi mix-xiehda ta` Mark Debono u ta` Joseph Grech kienu proprju dawn id-dokumenti MD1, MD 2 u MD 3 li kienu jirregolaw ix-xogholijiet kollha li kellha twettaq is-socjeta` konvenuta bhala l-appaltatur. Is-socjeta` konvenuta setghet biss tghaddi lill-attur dawk ix-xogholijiet li

kienu jaqghu fil-parametri ta` l-bills of quantities u ma setghetx tghaddi lill-attur xogholijiet differenti jew lil hinn mix-xogholijiet li ried ezegwiti l-appaltant. B`zieda ma` dan, Mark Debono jistqarr kjarament fix-xiehda tieghu illi l-kejl gie maghluq permezz ta` l-bills of quantities ezebiti.

Din il-Qorti tqis li kien rilevanti ferm li Dok MD1 sa MD 3 li jigu kkunsidrati, kif fil-fatt sar mill-periti gudizzjarji, sabiex ikun determinat jekk ix-xogholijiet elenkati mill-perit *ex parte* ta` l-attur, u cioe` l-Perit Bartoli, kinux tassew u verament xogholijiet *extra* jew kinux xogholijiet li diga` kienu nkluzi fil-*bills of quantities* MD1 sa MD 3.

**2)** L-attur jallega illi hemm konfuzjoni dwar is-somma ta` €18,927.38 li hallset is-socjeta` konvenuta, fis-sens li din qeghda tippretendi li dik is-somma thallset kemm ghax-xoghol ta` Tigne u kemm ukoll ghax-xoghol tas-CDRT, u dan meta tali somma kienet biss tkopri x-xoghol li sar ta` Tigne, minghajr ma ghandha terga` tinghad ghall-fini tal-bilanci relattivi ghas-CDRT. Kien rilevat illi s-socjeta` konvenuta tippretendi li c-cheques li jgibu nri 919 u 924 u li jammontaw ghal €18,927.38 ghandhom jinghaddu darbtejn. Skont l-attur, din is-somma thallset biss ghax-xoghol li sar go Tigne u kien ghalhekk li l-Perit Bartoli nkluda biss is-somma ta` €4,000 bhala l-bilanc dovut ghal dak il-progett.

Din il-Qorti evalwat dak li ntqal mill-periti gudizzjarji, fejn saret referenza ghad-Dok A a fol 740 tal-process li minnu jirrizulta li l-attur stess ikkonferma li s-socjeta` konvenuta kienet hallsitu €126,115.78c ghax-xoghol fis-CDRT. Fid-dokument, ma hemmx referenza ghac-cheques bin-nri 919 u 924 li flimkien jaghmlu s-somma ta` €18,927.38. Ghalhekk x`hin l-ghadd ta` din is-somma ta` €126,115.78c mas-somma ta` €18,927.38 igib total ta` €145,043.14c li allura jaqbel mat-total tal-import tac-chequest kollha ezebiti a fol 385 et seq mir-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta. Ma jirrizultax, dak li qed isostni l-attur, li kien hemm kontegg doppju ta` din is-somma ta` €18,927.38. Ghalhekk hija tajba l-konkluzjoni tal-periti illi l-ammont li thallas kien ta` €145,043.14.

**3)** L-attur jinsisti li din il-Qorti ma ghandhiex tistrieh fuq ir-rizultanzi tal-relazzjoni tal-periti gudizzjarji fir-rigward tal-kwistjoni ta` l-iskips peress li dawn ikkonkludew li r-rati kwotati fil-bills of quantities, kienu jinkludu r-rimi, u kif ukoll billi l-attur ma ressaqx provi sufficjenti dwar in-numru sostanzjali ta` skips.

Skont it-termini tal-*bills of quantities* jirrizulta li l-prezz maqbul kien ikopri l-ispejjez ta` *"loading and carting away"* relatat max-xogholijiet. L-unika hlas li kien dovut lill-attur kien ghal invoice partikolari bin-nru 331 li kienet tittratta skip hire ghat-tnehhija ta` materjal li thalla minn kuntratturi terzi fl-ammont ta` €2,469.74. Dan huwa ammont li l-periti gudizzjarji ikkonsidraw li huwa dovut lill-attur. Tajjeb jinghad illi fil-kalkoli tieghu dwar l-iskips a fol 731, l-attur ma jsemmi xejn dwar l-invoice bin-nru 331. Jista` jkun li l-attur ma jsemmi xejn billi l-attur kien jaf li l-ispejjez ta` l-iskips elenkati a fol 731 kienu responsabbilita` tieghu u mhux tas-socjeta` konvenuta. B`zieda ma` dan, l-invoices imsemmija fid-dokument a fol 731, liema invoices jinsabu a fol 726 sa 730 tal-process, lanqas huma ffirmati minn xi rapprezentant tas-socjeta` konvenuta, peress li qatt ma kienu accettati bhala dovuti mis-socjeta` konvenuta.

**4)** Jinghad mill-attur illi li l-ammont ta` flus li ghandu jiehu huwa ferm akbar minn dak likwidat mill-periti gudizzjarji peress li dawn ma hadux ta` kemm-il darba l-attur kellu jaghmel xoghol doppju fis-CDRT il-Floriana minhabba li Raymond Caruana jkun ha l-kejl hazin.

Tajjeb jinghad li dwar din l-allegazzjoni partikolari, l-attur ma ressaqx provi li jsostnu d-dikjarazzjoni tieghu f`dak is-sens. Kien jinkombi lill-attur il-piz li jaghmel din il-prova. Hadd mill-persuni li xehdu ma kkorrabora lill-attur. Ghalhekk l-allegazzjoni tibqa` dik li hi u ma tista` qatt issir prova skont il-ligi. Fic-cirkostanzi ghamlu tajjeb il-periti li skartaw dak dikjarat mill-attur wahdu.

**5)** L-attur jikkontesta li sar xoghol li ma kienx konformi mas-sengha u l-arti. Jinsisti li huwa ghandu esperjenza fix-xoghol tieghu u li hadd ma lmenta dwar ix-xoghol tieghu tant li baqa` dejjem jinghata aktar xoghol. L-attur isostni li r-rapport tal-Perit Joe Grech sar sentejn wara li tlesta dan ix-xoghol ossija fil-15 ta` Frar 2011 u li ma jafx jekk tqabbdux terzi biex jaghmlu xi xogholijiet ohra fil-postijiet in kwistjoni li seta` affettwa x-xoghol tieghu.

Din il-Qorti tikkondividi l-konkluzjonijiet tal-perit tekniku dwar dan l-aspett. Il-perit tekniku kien ferm gust fil-kostatazzjonijiet tieghu, tant li hafna mill-lmenti tas-socjeta` konvenuta fil-fatt kien skartati, u kienu biss dawk l-ilmenti li taghhom saret il-prova teknika li kienu ammessi. Il-perit tekniku ezamina r-rapport tal-Perit Joe Grech u ghamel l-accertamenti

tieghu. Bl-ebda mod ma qaghad fuq dak ir-rapport, izda l-konkluzjonijiet tal-perit tekniku kienu frott ta` analizi ogettiva tal-ilmenti tas-socjeta` konvenuta.

**6)** L-attur igib `il quddiem l-argument illi ladarba s-socjeta` konvenuta thallset kollox u ghas-saldu minghand l-appaltant tax-xoghol li ghamel hu, il-bilanc kollu dovut lilu ghandu jithallas.

L-attur jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet "**Joseph Zarb vs Carmelo Agius**" tat-8 ta` Frar 1957 citata mill-perit legali, u spjega li l-hlas tal-prezz tal-appalt li l-appaltant jaghmel lill-appaltatur ma jfissirx necessarjament approvazzjoni tax-xoghol. Spjega li dan intqal fil-kuntest li jekk il-hlas ikun sar taht cirkustanzi li fihom l-appaltant ma setax jinduna bid-difett fix-xoghol, ma jistax jinghad li dak il-hlas jekwivali ghal approvazzjoni tax-xoghol.

Mill-provi prodotti rrizulta li s-socjeta` konvenuta kellha f`xi okkazjonijiet tinkarika terzi sabiex jirrimedjaw ghax-xoghol li ma sarx skont is-sengha u l-arti mill-attur, kif ukoll sabiex jaghmlu tajjeb ghal hsarat li kienu kkagunati bix-xoghol tal-attur.

Ghalkemm l-appaltant hallas lis-socjeta` konvenuta, dak il-hlas sar propju ghaliex kienu rimedjati x-xogholijiet li ma kienux ezegwiti ghas-sodisfazzjon tal-appaltant.

Per konsegwenza l-Qorti taqbel ma` dak li qal il-perit legali fis-sens li l-fatt li l-appaltant hallas lis-socjeta` konvenuta ma jfissirx ta` bilfors li l-attur kellu jithallas tax-xoghol approvat stante li kien biss wara li x-xoghol hazin kien rimedjat illi sari l-hlas lis-socjeta` konvenuta.

**7)** L-attur jikkontendi li huwa ma kienx naqas mill-obbligi tieghu skont l-iskrittura tas-17 ta` Settembru 2010. Sostna li l-iskrittura hija afflitta minn ambigwita liema bhalha fis-sens li hi ftit aktar minn referenza lejn numru ta` dokumenti relattivi ghat-tender li hadet is-socjeta` konvenuta ghar-rigward tal-ufficini tal-MIMCOL go Tigne. Sostna li l-skrittura taghmel referenza ghad-dokumenti relattivi ghat-tender u tghid li dawk id-dokumenti ghandhom jigu meqjusa u moqrija bhala parti mill-iskrittura bejn is-socjeta` konvenuta u l-attur, izda skont l-attur, dan ma jfissrx li kull fejn hemm xi

obbligu impost fuq is-socjeta` konvenuta b`dawk id-dokumenti, dak l-obbligu kien impost fuqu wkoll.

Din il-Qorti ma taqbilx ma` l-argument li qed jaghmel l-attur.

L-attur kien marbut bid-dokumenti li kienu parti mill-iskrittura li ffirma mas-socjeta` konvenuta. U kien marbut b`dawk l-obbligi..

L-attur sostna wkoll li anke li kieku tassew huwa kien marbut b`dawk l-obbligi, id-dokumenti li holqu l-obbligi ma kellhomxi penali u b` hekk is-socjeta` konvenuta kienet qeghda tkun arbitrarja meta tghid li ma tridx thallas.

Din il-Qorti tikkondividi dak li rrelata l-perit tekniku, fis-sens li l-attur ma jistax jippretendi li jithallas is-somma totali meta rrizulta illi ma kienx esegixxa *health and safety program* u lanqas ghamel *risk assessment report.*

**Il-Qorti tirrafferma l-posizzjoni taghha fis-sens illi qeghda taghmel taghha l-konkluzjonijiet peritali.**

**Propju ghalhekk, meqjusa wkoll il-punti sollevati mill-partijiet dwar il-konkluzzjonijiet tal-periti gudizzjarji, din il-Qorti ghadha tal-fehma li ghandha tistrieh fuq ir-rapport tal-periti gudizzjarji taghha u ghandha taghmel il-konkluzzjonijiet taghhom bhala taghha.**

## V. L-imghax

Fis-sentenza ta` din il-Qorti (**PA/JRM**) tat-3 ta` Ottubru 2002 fil-kawza "**Muscat et vs Radmilli et**" inghad illi :-

*"Il-ligi tghid car li fejn l-obbligazzjoni jkollha biss bhala oggett il-hlas ta` somma flus determinata, id-danni li jigu mid-dewmien tal-ezekuzzjoni ta` dik l-obbligazzjoni jkunu jikkonsistu biss fl-imghaxijiet fuq l-imsemmija somma mahduma bir-rata tat-tmienja fil-mija (8%) fis-sena, li jkunu dovuti bla ma jkun hemm ghalfejn li l-kreditur jipprova li bata xi telf minhabba d-dewmien."*

F`dak il-kaz, id-dejn kien ta` natura kummercjali u allura l-Qorti kompliet tghid illi :-

*"jekk wiehed iqis li l-obbligazzjoni mehuda mill-imharrkin kienet wahda ta` natura kummercjali, allura jista` jinghad ukoll li l-imghaxijiet jibdew jghaddu ipso jure bla htiega ta` talba ghalihom b`att gudizzjarju, u b`effett minn dak inhar li l-obbligazzjoni kellha titwettaq".*

Il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri fis-sentenza taghha ta` l-20 ta` Ottubru, 2003 fil-kawza "**Adrian Vella de Lucca vs Blue Med Travel Services Ltd**" xehed illi :

*"L-Artikolu 1141 (1) tal-Kodici Civili jiddisponi illi "jekk l-obbligazzjoni tkun ta` xorta kummercjali jew jekk il-ligi tkun tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew jghoddu ipso jure l-imghaxijiet jghaddu minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita". Dan s`intendi sakemm ma jkunx gie milhuq mill-kontendenti ftehim xort`ohra. Fil-kaz in ezami l-ebda ftehim bhal dan ma gie divulgat li kien fis-sehh. Ma ghandux ikun dubitat illi fil-kaz in ezami si tratta ta` obbligazzjoni ta` natura kummercjali, konsiderat ix-xorta ta` negozju kondott lejn il-partijiet.*

*U kif ritenut, "ir-raguni ghaliex fuq debitu kummercjali likwidu u ezigibbli ddekorrenza ta` l-interessi hija "di pieno diritto" tinsab fil-fatt illi l-interessi jirrapprezentaw lukru li d-debitur jippercepixxi b`vantagg proprju minn kapital li jispetta lill-kreditur tieghu, li jista` ugwalment jaghmel profitt minn dawk l-interessi" – **"Spiridione L. Mizzi pro et nomine –vs- Emmanuele Falzon",** Qorti Kummerc, 16 ta` Frar 1954. Konsegwentement b`applikazzjoni ta` dan it-taghlim, it-talba attrici giet sewwa formulata bhala komprensiva ta` l-interessi kollha skaduti anterjorment ghall-istess avviz, billi, kif rispekkjat, il-ligi tirrikonoxxi lill-attur nomine, kreditur `di pieno diritto`, anki tal-lukri mill-jum li fih is-socjeta` konvenuta debitrici kien messha adempiet l-obbligazzjoni taghha billi thallsu l-ammont korrispondenti f`kirjiet ta` vetturi."*

Fl-istess sens kienet is-sentenza moghtija mill-Qorti ta` l-Appell fl-10 ta` Ottubru 2003 fil-kawza "**Mario Mallia noe et vs Francis Bezzina Wettinger**" fejn inghad :-

*"L-artikolu 1141 tal-Kodici Civili jipprovdi li jekk lobbligazzjoni tkun ta` xorta kummercjali jew jekk il-ligi tkun tiddisponi li l-imghaxijiet*

*ghandhom jibdew ighaddu ipso jure, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak inhar li l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita." F`kull kaz iehor, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak inhar illi ssir sejha ghall-hlas b`att gudizzjarju, ghalkemm fil-ftehim ikun gie stabbilit zmien ghall-esekuzzjoni ta` l-obbligazzjoni.*

*Is-sentenza ta` l-ewwel qorti akkordat l-imghax mid-data tas-sentenza minghajr ma qalet ghala kien qed jigi deciz hekk. Mil-fuq espost jidher li l-ewwel qorti kienet zbaljata nkwantu l-imghax jew kellu jigi akkordat mid-data meta l-ammont kellu jigi mhallas lura, u dana f`kaz li l-obbligazzjoni kienet wahda kummercjali, jew, jekk l-obbligazzjoni ma kienetx ta` natura kummercjali, dan limghax ghal anqas kellu jibda jigi komputat mid-data tal-presentata tal-att gudizzjarju stante li l-ammont reklamat bhala kapital kien wiehed determinat, u dana kif gie diversament ritenut u deciz minn din il-Qorti. Fil-kaz in ezami l-konvenju in kwistjoni kien ta` natura kummercjali billi minn banda wahda kien hemm l-element spekulattiv da parti tal-konvenut filwaqt li l-akkwirenti prospettivi kienu zewg socjetajiet kummercjali. Infatti l-istess konvenut gie mharrek quddiem il-Qorti tal-Kummerc u ma ressaq ebda eccezzjoni fir-rigward. Minn dan jidher li l-aggravju tal-appellanti huwa gustifikat billi fil-kaz in ezami ghandhom japplikaw ir-regoli enuncjati fl-artikolu 1141 fuq citat u b`hekk l-imghax jigi akkordat mid-data tal-iskadenza tal-konvenju, u cioe` mit-22 ta` Frar, 1990 u mhux mid-dati tal-pagamenti rispettivi kif mitlub fic-citazzjoni u fir-rikors tal-appell inkwantu l-obbligazzjoni tar-restituzzjoni sehhet dak inhar li skada l-konvenju."*

Tenut kont li l-obbligazzjoni mertu ta` din il-kawza kienet kummercjali, l-imghax ghandu jiddekorri mid-data meta l-obbligazzjoni giet ezegwita.

Jidher li x-xogholijiet ezegwiti mill-attur intemmew hesrem lejn l-ahhar ta` Novembru 2010 tant li fil-25 ta` Novembru 2010 l-attur baghat ittra legali lis-socjeta` konvenuta fejn interpellaha sabiex thallas il-bilanc dovuti lilu.

Ghalhekk il-Qorti sejra tiehu tali data bhala d-data li minnha ghandu jibda jiddekorri l-imghax bl-oghla rata permissibbli mil-ligi.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talba tal-attur u dwar l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta billi qeghda taqta` u tiddeciedi hekk :-**

**Tilqa` t-talba attrici limitatament billi tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta` sebgha u tletin elf u tnax–il Ewro u sitta u tmenin centezmu (€37,012.86) bl-imghax fl-oghla rata permissibbli mil-ligi dekorribbli b`effett mill-25 ta` Novembru 2010 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Tordna li l-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu in kwantu ghal sebghin fil-mija (70%) mill-attur u in kwantu ghal tletin fil-mija (30%) mis-socjeta` konvenuta.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**